**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 30 ta` Marzu 2017**

**Kawza Nru. 10**
**Rikors Nru. 802/14 JZM**

**(1) Joseph Busuttil ID Card No 90968(M) f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Sealex Holdings Limited (C14190); (2) Christian Busuttil ID Card No 199278(M); (3) Rebecca Darmanin Kissaun ID Card No 54472(M); (4) Natasha Busuttil ID Card No 317370(M); (5) The Estate of the late Charles Busuttil, u b`digriet tat-22 ta` Dicembru 2014 ir-rikorrenti Rebecca Darmanin Kissaun u Natasha Busuttil gew awtorizzati jassumu l-atti minflok "The Estate of the late Charles Busuttil"; (6) Paul Busuttil ID Card No 695058(M) f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mavel Holdings Company Limited (C16864); (7) Joanna Decesare ID Card No 412357(M); (8) Mary Ann Lanzon ID Card No 555155(M); (9) Roberta Pecci Busuttil ID Card No 809060(M); (10) Clarissa Pace ID Card No 521963(M); (11) Michael Busuttil ID Card No 51261(M); (12) Antonia Busuttil ID Card No 51231(M); (13) Simone Pace Busuttil ID Card No 192157(M); (14) Maria Schaerrer Busuttil Passaport Svizzeru No 5115194;**

**(15) Franco Busuttil ID Card No 11461(M) f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` B.C. Investments Limited (C8063)**

***kontra***

**(1) Suzanne Busuttil ID Card No 19076(M); u (2) Brian Busuttil ID Card No 525373(M) f`ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Stealth Holdings Limited (C26763)**

***u***

**b`digriet tat-12 ta` April 2016 T&L Holdings Limited (C8054) giet kjamata fil-kawza**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

**Rat ir-rikors prezentat fil-15 ta` Settembru 2014 li jaqra hekk –**

*1. Illi r-rikorrenti u l-intimati huma azzjonisti tas-socjetajiet Francis Busuttil & Sons Limited (C334) (FBS) u B&S Contractors Limited (C552) (B&S) fejn ir-rikorrenti ghandhom sittin fil-mija (60%) tal-ishma fil-kaz ta` FBS u sitta u sittin punt sitta fil mija (66.6%) fil-kaz ta` B&S, filwaqt li l-intimati ghandhom ghoxrin fil-mija (20%) fiz-zewg kumpaniji, liema zewg socjetajiet huma l-holding companies ta` zewg Gruppi ta` kumpaniji li jikkostitwixxu bejniethom in-negozju tal-familja Busuttil.*

*2. Illi mill-bidu ghandu jigi precizat li dawn iz-zewg socjetajiet fuq imsemmija ma jaghmlu ebda attivita` jew negozju direttament, izda jagixxu biss ta` dividend feeders billi jghaddu lill-azzjonisti taghhom id-dividendi li huma jircevu mis-sussidjarji taghhom.*

*3. Illi bhala sfond ghal din l-attivita` ghandu jinghad li s-socjeta` FBS qassmet dividendi li jammontaw ghal €29.5m matul il-hames snin 2009 – 2013 u diga` qassmet interim dividend ta` €7m fis-sena 2014, b`hekk total ta` €36.5m*

*kontra spejjez ta` €376,359, waqt li s-socjeta` B&S qassmet dividendi li jammontaw ghal €3,193,53 kontra spejjez ta` €83,485 matul l-istess perjodu, u dan kif jirrizulta mill-Audited Accounts taz-zewg kumpaniji.*

*4.1 Illi f`dawn l-ahhar snin l-intimati Suzanne Busuttil u Brian Busuttil proprio et noe bdew, ghadhom u qed jheddu li ser ikomplu jwettqu sensiela ta` azzjonijiet abuzivi, vessatorji w illegali kontra l-istess socjetajiet, kontra d-diretturi taghhom, kif ukoll kontra l-awdituri, l-avukati, is-segretarju tal-kumpanija u l-konsulenti l-ohra kollha ta` l-istess, b`mod li dawn l-azzjonijiet imorru kontra l-interessi u l-aspetattivi legittimi tar-rikorrenti, u dawk in generali ta` l-azzjonisti.*

*4.2. Illi fost dawn il-manuvri u azzjonijiet abuzivi, vessatorji w illegali da parti ta` l-intimati, wiehed jista` jsemmi s-segwenti.*

*4.2.1 L-intimata Suzanne Busuttil ghamlet pressjoni kbira fuq il-pulizija sabiex jittiehdu passi kriminali kontra ufficcjali tal-kumpaniji fuq imsemmija, a bazi ta` allegazzjonijiet ghal kollox spurji u inveritjeri.*

*4.2.2 L-intimati sejhu laqgha generali straordinarja tas-socjetajiet imsemmija fejn talbu t-tnehhija tad-diretturi l-ohra kollha, tas-segretarju, ta` l-avukati u ta` l-awdituri taz-zewg kumpaniji.*

*4.2.3 L-intimati sejhu laqgha annwali straordinarja "to install a crisis management team....", liema mozzjoni kieku ghaddiet kienet taghmel hsara ngenti lil Grupp kollu billi kienet tinghata l-impressjoni lil terzi, fosthom il-banek, klijenti, suppliers, etc, li l-kumpaniji kienu ghadejjin minn xi krizi, meta dan zgur mhux il-kaz ghal diversi ragunijiet inter alia l-ammont ta` dividend li thallas kif diga` espost f`paragrafu 3, u taghti sinjal negattiv enormi lil kull min ghandu xi konnessjoni ma` dawn il-kumpaniji jew mal-Grupp tal-kumpaniji Busuttil in generali.*

*4.2.4 L-intimati sejhu laqgha straordinarja sabiex issir "forensic investigation" ta` l-attivitajiet u tal-kotba tal-kumpaniji u dan meta l-awdituri ta` l-istess kienu taw Clean Audit Report ghal-kumpaniji kollha tal-Grupp, u l-istess awdituri nformaw lill-intimati li ma kien irrizulta xejn matul l-audit ta-zewg kumpaniji li kien jehtieg li jingibed ghall-attenzjoni ta` l-azzjonisti.*

*4.2.5 L-intimati qeghdin jostakolaw ir-ristrutturar necessarju ta` whud mill-kumpaniji tal-Grupp billi qeghdin imorru kontra il-kuncett ta` demokrazija maggoritarja li ghandhom il-kumpaniji kummercjali, b`konsegwenti danni kbar ghar-rikorrenti u l-istess socjetajiet.*

*4.2.6 L-intimati gew imwissija diversi drabi sabiex jieqfu minn dan l-agir taghhom, izda inutilment, anzi dawn ziedu d-doza.*

*4.2.7 L-intimati u partikolarment Suzanne Busuttil, ghamlu minn kollox sabiex jostakolaw it-thaddin tal-principji ta` Good Corporate Governance introdotti mill-Board tad-Diretturi matul dawn l-ahhar snin.*

*4.2.8 L-intimati u partikolarment Suzanne Busuttil oggezzjonaw ghall-hatra ta` Remuneration Committee kompost fil-maggoranza tieghu minn persuni ndipendenti u specjalisti fis-settur.*

*4.2.9 L-intimati jaghmlu minn kollox sabiex jostakolaw sahansitra l-amministrazzjoni ordinarja taz-zewg kumpaniji.*

*4.2.10 L-intimata Suzanne Busuttil kisret l-obbligu ta` kunfidenzjalita` meta xandret lil terzi nformazzjoni riservata dwar il-possibilta` ta` trasferiment ta` wahda mill-kumpaniji tal-Grupp, liema nformazzjoni kienet waslet ghandha bhala direttur ta` FBS.*

*5. Illi l-intimati huma kontra kwalunkwe proposta jew agir tad-diretturi taz-zewg socjetajiet, u huma totalment negattivi fuq kollox u kulhadd u ghalhekk zgur li llum m`ghadx hemm ir-rekwizit ta` affectio socjetatis bejnhom u r-rikorrenti, u wkoll l-intimati saru dissenting shareholders skond il-provvediment ta` l-Artikolu 107(1)(f) tal-Kap 386.*

*6. Illi dan l-agir illegali u abbuziv da parti tar-rikorrenti qieghed jikkawza dizgwid serju fost l-impjegati tal-kumpaniji tal-Grupp b`mod li whud qeghdin ifittxu impieg alternattiv, jew persuni li qed jigu avvicinati sabiex jigu mpjegati mal-Grupp qeghdin jirrifjutaw li jaccettaw dan l-impieg minhabba l-inkwiet li qeghdin jikkawzaw l-intimati.*

*7. Illi persuni li gew mistiedna sabiex iservu bhala diretturi fuq kumpaniji tal-Grupp irrifjutaw din l-offerta expressament minhabba l-azzjonijiet perpetrati mill-istess intimati.*

*8. Illi l-intimati qeghdin ifixklu strutturar bzonjuz ta` kumpaniji tal-Grupp u qeghdin jostakolaw il-possibilta` li l-Grupp jidhol f`negozju gdid.*

*9. Illi l-attakki kontinwi ta` l-intimati qeghdin joholqu tfixkil kbir fit-tmexxija tal-kumpaniji, u f`dan ir-rigward bizzejjed wiehed ihares lejn il-mijiet ta` dokumenti esebiti mill-intimata Suzanne Busuttil max-xhieda taghha fil-proceduri "Suzanne Busuttil et vs Francis Busuttil and Sons et JZM 642/12" pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*10. Illi dan l-agir illegali, vessatorju w abbuziv ta` l-intimati qieghed ifisser li llum il-kumpaniji qeghdin jitmexxew jew aktarx jistghu jitmexxew (kontra l-volonta` tar-rikorrenti) b`mod li qed issir hsara kemm ghall-interessi tar-rikorrenti bhala l-azzjonisti maggoritari taz-zewg kumpaniji u ta` pregudizzju ghall-interessi tar-rikorrenti, u kif ukoll kontra l-interess taz-zewg socjetajiet infushom.*

*Ghaldaqstant ir-rikorenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tapplika l-provvedimenti ta` l-Artikolu 402(3)(d) u (f) tal-Kap 386 kontra l-intimati b`mod illi tipprovdi ghax-xiri ta` l-ishma kollha ta` l-intimati mir-rikorrenti, u li l-intimati jigu kkundannati jhallsu lir-rikorrenti ammont fissat minn din l-Onorabbli Qorti bhala kumpens minhabba telf jew danni kkawzati mill-intimati u dan taht kwalunkwe provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa.*

**Rat ir-risposta ta` l-intimati pprezentata fit-<u>23 ta` Ottubru 2014</u> li taqra hekk –**

*1. ILLI preliminarjament, l-irritwalita` tal-proceduri ghaliex ma hijiex koncessa skond il-gurisprudenza ta` dawn il-Qrati azzjoni fejn hemm second tier shareholding. Ex admissis fir-Rikors promotur, ir-rikorrenti huma azzjonisti f`zewg kumpaniji li huma l-holding companies ta` zewg gruppi ta` kumpaniji li jikkostitwixxu bejniethom in-negozju tal-familja Busuttil, cioe` Francis Busuttil & Sons Limited (FBS) u B& S Contractors Limited (B&S). Din il-Qorti konsistentement ittratta sitwazzjoni fejn hemm gruppi ta` persuni jew azzjonisti, f`vesti ta` socjetajiet jew strutturi differenti, bhala persuni differenti, u mhux bhala l-istess familji jew persuni bl-istess interessi.*

*Ghandu jinghad illi proprju fi proceduri paralleli u pendenti 642/12 JZM, ir-rikorrenti direttament jew permezz ta` Diretturi li jirraprezentawhom, dejjem insistew u b`success illi kull kumpannija ghandha titqies b`mod seperat u awtonomu u illi l-intimati bhala l-ultimate shareholder jew beneficiary ma kellhomx interess bhala second tier shareholders fil-kumpaniji sussidjarji u locus standi. Fil-fatt din il-Qorti fid-digriet taghha tas-6 ta` Mejju 2013 fir-Rikors pendenti 642/12, laqghet id-difiza illi l-azzjoni taht l-art 402 tal-Companies Act ma hijiex konsentita lil second tier shareholders.*

*Apparti dan, il-linja esponenzjali tar-Rikors promotur hija illi l-parent companies ma jaghmlu xejn hlief li huma holding companies, izda li fl-istess nifs ighidu illi l-komportament ta` l-esponenti fil-holding companies qeghdha tippregudika u tiddanneggja is-sussidjarji u l-operat tas-sussidjarji, sahansitra anke fuq livell ta` recruitment u retention ta` l-imjegati fis-sussidjarji: u li ghalhekk qed ikollhom effett avvers fuq l-interess taghhom bhala azzjonisti. Dan allura jfisser illi r-rikorrenti jippretendu illi ghandhom interess legali u locus*

*standi, liema locus standi u dritt ta` azzjoni fis-sussidjarji. Isegwi ghalhekk illi r-rikorrenti ma jistghux meta jridu, ighidu illi l-kumpaniji huma entitajiet separati u li ghalhekk rikors mhux konsentit fil-kaz ta` sussidjarji, u meta jridu, iqisu l-kumpaniji bhala entita` holistika;*

*Hawnhekk ghalhekk jehtieg il-konsistenza: bl-istess mizura illi l-Qorti iddeklinat locus standi lis-sussidarji fir-Rikors ghaliex ma accettatx second tier shareholding, ghandu japplika principju konsistenti;*

*Ghalhekk ghandu japplika dan il-principju kif interpretat min dil-Qorti li ma hijiex koncessa l-procedura taht l-art 402 tal-Companies Act f`cirkostanzi simili.*

*2. ILLI ghall-istess raguni hija mpronibbli fil-kuntest ta` l-art 402, azzjoni wahda fejn diversi azzjonisti ghandhom interess f`diversi socjetajiet u li tirrigwarda almenu zewg socjetajiet; f`azzjoni bhal din, jista` jkollhom locus standi anke d-diretturi, a bazi ta` principju komunement abbraccjat fil-Commonwealth f`artikoli simili ghal taghna, fejn hija prassi tajba – good practice – illi jigu maghmula parti mill-procedura, fuq bazi illi din ghandha tinkludi lil dawk kollha li ghandhom involviment. F`dan il-kaz, id-diretturi huma wkoll partijiet interessati minhabba l-allegazzjonijiet li saru illi l-kumpaniji mhux qed jitmexxew sew minhabba operat attribwit allegatament lill-intimati.*

*3. ILLI l-procedura mhijiex integra ghaliex l-azzjonisti l-ohrajn tal-holding companies cioe` T & L Holdings Limited f`FBS, u l-holding companies ta` Jean Paul Busuttil u Louiana Busuttil f`B & S, ghandhom interess illi jkunu prezenti minhabba pre-emption rights illi ghandhom skond l-istatuti socjali.*

*4. ILLI in limine litis lanqas ma hija integra l-procedura fis-sens illi l-kumpaniji involuti ghandhom interess illi jkunu prezenti ghaliex ghandhom interess dirett fil-procedura.*

*5. ILLI wkoll in limine litis, l-azzjoni hija impronibbli f`isem Estate of Charles Busuttil – eredita` ma ghandux dritt ta` azzjoni, kif inhu maghruf. Jekk inhi gjacenti, hemm procedura. L-eredita` gjacenti ma ghandix personalita` separata; dan igib in-nullita` tal-proceduri.*

*6. ILLI in limine litis din l-hekk imsejha procedura ta` squeeze out mhijiex applikabbli u ma taqax fil-parametri ta` l-artikolu 402 ghaliex dan jippremetti illi azzjonist jillanja u jilmenta meta jqis illi l-parametri ta` l-azzjoni hija illi "the affairs of the company have been or are being or are likely to be conducted in a manner that is, or that any act or omission of the company have*

*been or are or are likely to be, oppressive, unfairly discriminatory against, or unfairly prejudicial." Huwa ghalhekk car illi din l-azzjoni ma tistax tigi esercitata kontra l-intimati ghaliex huma ma ghandhom ebda kontroll jew influenza fuq it-tmexxija tal-kumpanija.*

*Irid jissemma illi r-rikorrenti bejniethom, huma azzjonisti magoritarji f`FBS u f`B&S: jikkostitwixxu l-Bord intier ta` Francis Busuttil & Sons Limited (FBS) – l-intimati Suzanne u Brian Busuttil ma ghandhom ebda rapprezentanza fil-bord tad-diretturi ta` FBS- u r-rikorrenti ghandhom il-maggoranza fil-Bord ta` B & S Contractors Limited ( B & S). Kif jistghu ir-rikorrenti jallegaw illi l-kumpaniji mhux jitmexxew sew minhabba nuqqas u tort lill-intimati., meta r-rikorrenti ghandhom kontroll fuq kull livell tal-kumpaniji u l-intimati jew huma minoritarji konsistentement overruled u outvoted jew l-anqas huma nvoluti fil-bord? L-esponenti ebda wiehed jew wahda ma hija mpjegata fil-kumpaniji, u huma r-rikorrenti biss li ghandhom il-kontroll u t-tmexxija;*

*Kif inhuwa maghruf, ir-rapprezentant taghhom Suzanne Busuttil tnehhiet mill-Bord tad-Diretturi ta` Francis Busuttil & Sons Limited u hemm talba ghal interim order biex tigi reinstated. Din qed tinghata wkoll bhala eccezzjoni preliminari u perentorja li ghandha tigi trattata in limine litis.*

*Ghalhekk, aparti l-eccezzjoni procedurali ta` inpronibilita`, qed tinghata l-eccezzjoni illi fil-mertu, u spjegata aktar qabel f`dan il-paragrafu, illi fil-mertu t-talbiet tar-rikorrenti huma assolutament infondati.*

*7. ILLI l-vera raguni ghaliex ir-rikorrenti qed jitolbu `l hekk imsejha squeeze out hija ghaliex l-esponenti kienu bhal whistleblower fil-Bord u bhala azzjonisti. Illanjaw l-inattendibilita` tal-kontijiet, allegat frodi, abbuz u irregolaritajiet ohrajn, u nuqqas ta` pjanar u corporate governance;*

*Biex jinghataw xi ezempji, fir-Rikors parallel, saret allegazzjoni ta` frodi fil-gruppi ta` ammonti f`miljuni f`Nota spjegativa ta` l-esponenti fir-Rikors 642/12 JZM, liema ammonti gew "siphoned out of the companies" - parti minnhom bil-partecipazjoni diretta ta` Joseph Busuttil stess, li huwa wiehed mir-rikorrenti u ukoll il-Managing Director ta` B&S u ta` Foster Clark Products Limited u direttur f`FBS. Ir-rikorrenti Joseph Busuttil qassam parti minn dawn il-fondi ftit wara li ntfethet l-ewwel kawza mil-esponenti fit-2012 biex jaghmel pressjoni fuq l-esponenti u l-legacy family taghhom, biex jipprova jinnegozja s-silenzju taghhom u biex jintimidhom;*

*Ezempji ohrajn huma l-uzu ta` assi tal-kumpanija ghal uzu personali, eg refurbishment ta` yacht personali, spejjes personali li ghaddew mill-kotba tal-kumpaniji, eg il-bini ta` kappella u oqbra fic-Cimiterju tal-Addolorata, u salarji, bonuses u perks mhux awtorizzati u mhux dikjarati ta` Joseph Busuttil u ohrajn. Id-dettalji u aktar ezempji huma fl-Affidavits rispettivi ta` Suzanne u Brian Busuttil fir-Rikors 642/2012 JZM pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta;*

*8. L-esponenti qatt ma talbu jew esprimew ix-xewqa li jbieghu u ma jridux ibieghu l-azzjonat taghhom fil-kumpaniji. Ghall-kuntrarju, huma ilhom jinsistu illi jkunu nvoluti fil-management tal-kumpaniji u li l-kumpaniji huma mmexxija fairly u b`mod korrett, skond il-ligi u l-good practice fl-ahjar interessi tal-partijiet involuti. Li hadu bhala reazzjoni hija li Suzanne tnehhiet min Direttur u Rikors bhal dan;*

*9. ILLI l-esponenti ighidu minn issa illi minghajr pregudizzju ghall-punti l-ohrajn, huma ma jaccettawx l-attendibilita` ta` share valuations illi jistghu isiru mill-Udituri jew xi konsulenti ohrajn u qed jirriservaw id-dritt illi jimpunjawhom; qabel ma dawn ikunu jistghu jinbdew, tehtieg illi ssir investigazzjoni forensika dwar allegat frodi, abbuz u rregolaritajiet ohrajn u jittiehdu l-passi neccessarji kontra l-persuni koncernati. Imbaghad il-kumpaniji jistghu jitmexxew u jirrealizzaw l-ahjar potenzjal taghhom u mbaghad ikunu jistghu isiru valuations li huma fair u jirriflettu l-veri valuri;*

*10. Jigi rilevat illi bhala principju, r-rimedju ta` squeeze out propost huwa wiehed eccezzjonali, ghaliex altrimenti dan ikun arma f`idejn l-azzjonisti magoritarji. Pjuttost, it-talba hija abbuz mir-rikorrenti tar-rimedju ta` l-art 402 intiza ghall-protezzjoni ta` azzjonisti minoritarji jew dawk li ma ghandhomx kontroll fuq it-tmexxija; din it-talba tista` titqies bhala azzjoni ohra mir-rikorrenti ta` oppressjoni, unfair prejudice u unfair discrimination kontra l-intimati;*

*11. ILLI ghar-ragunijiet kollha susesposti, l-esponenti ma kkawzaw jew huma responsabbli ghal ebda nuqqas jew responsabilita` ta` kumpens.*

*12. ILLI din il-procedura tista` tqajjem ukoll punti ta` konfiska u vjolazzjoni ta` l-art 39 tal-Kostituzzjoni u l-art I ta` l-ewwel Protokol tad-Drittijiet u libertajiet fondamentali.*

**Rat ir-risposta ta` l-kjamata fil-kawza pprezentata fid-<u>29 ta` April 2016</u> li taqra hekk –**

*Illi qabel xejn terga` tirriafferma ghal kull buon fini d-dizappunt taghha li l-affarijiet waslu sa fejn waslu; dan ghaliex ghalkemm fil-passat kien hemm diversi okkazjonijiet ta` disgwid serju li kien jinvolvi diversi mill-partijiet f`din il-kawza, il-buon sens dejjem irrenja u l-azzjonisti sabu kif jipprocedu fl-interess komuni.*

*Illi l-esponenti tghid bla tlaqlieq li ma taqbilx mal-mod kif l-intimati Suzanne u Brian Busuttil ressqu l-ilmenti taghhom, mod kultant aggressiv izzejjed. B`danakollu ma jfissirx li l-affarijiet kellhom necessarjament jipprecipitaw. Sfortunatament din il-kawza setghet biss kellha effett li tkompli tikkristallizza pozizzjonijiet kontrastanti li hadu l-kontendenti fil-konfront ta` xulxin.*

*Illi fl-isfond ta` dan kollu l-esponenti pprovat dejjem tagixxi bil-qies u oggettivament, fl-interess finalment kemm taghha bhala azzjonista u tal-Grupp ta` kumpanniji li fiha ghandha sehem importanti. Ir-risposta odjerna ghandha ghalhekk tigi meqjusa wkoll f`dan id-dawl.*

*Dwar it-talbiet :*

*1. Illi r-rikorrenti effettivament jikkontrollaw il-bord tad-Diretturi u l-laqgha Generali tal-azzjonisti u ma jistax jinghad ghalhekk li l-affarijiet qed jitmexxew kontrihom fil-parametri li jippermetti rikors skont l-Artikolu 402.*

*2. Illi azzjonista qatt ma ghandu jigi mfixkel jew mizmum milli jesprimi opinjonijiet, anke jekk jikkontrastaw mar-rieda tal-maggoranza u / jew tal-Bord ghaliex huwa car li l-espressjoni tal-opinjoni u tad-dritt tal-vot, huwa dritt intrinsiku tal-azzjonista. Anzi jinghad li tali restrizzjoni tista` tammonta fiha nnifisha ghal opressjoni ta` minoranza.*

*3. Illi dwar id-danni jinghad li jekk l-intimati sofrew danni allura dawk id-danni gew necessarjament sofferti wkoll mill-esponenti li huma azzjonisti b`20% tal-kapital azzjonarju fil-kumpannija Francis Busuttil and Sons Limited.*

*4. Illi azzjonista ma ghandu qatt jigi mgieghel li jbigh l-ishma tieghu f`kumpannija kummercjali kontra r-rieda tieghu hlief f`kazijiet eccezzjonali.*

*5. Illi fi kwalunkwe kaz l-akkoljiment eventwali tat-talbiet tar-rikorrenti jirrikjedi (i) li l-ishma offruti lill-azzjonisti l-ohra kollha pari passu (ii) bil-valur rejali tal-ishma minghajr discount ghall-minoranza u (iii) li jsiru emendi fl-istatut socjetarju biex jirrifletti l-kambjament tal-asset tal-azzjonisti b`mod li jigu protetti minoranzi godda eventwali.*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2016 akkordat it-talba tal-partijiet sabiex il-provi li ngabru fil-kawzi Nru. 833/14 JZM, 642/14 JZM u 12/15 JZM ikunu jikkostitwixxu prova *mutatis mutandis* ghall-fini ta` din il-kawza.

Rat il-provi li ngabru fil-kawzi Nru. 833/14 JZM, 642/14 JZM u 12/15 JZM.

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru fl-udjenza tal-22 ta` Novembru 2016.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghal provvediment ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. Provi

**L-Awditur John Zarb** xehed illi huwa kien l-awditur u l-konsulent fin-negozju tal-familja Busuttil.

Ghamel zmien jiehu hsieb l-audit ta` Francis Busuttil & Sons Limited ("**FBS**").

Huwa kien direttament involut fl-istima tal-valur tal-ishma kien halla Paul Busuttil meta miet.

Xehed illi Paul Busuttil ha l-ishma lill-hamest ulied subien b`dan illi dawn kellhom ihallsu kumpens lil huthom il-bniet.

Ighid illi huwa ghen il-familja fil-kaz ta` negozju iehor bhal meta akkwistat l-ishma li kellha s-socjeta` estera Unilever fil-kumpannija Foster Clark.

Jaf lill-intimata Suzanne Busuttil bhala t-tifla ta` Anthony Busuttil, wiehed mill-hamest ahwa subien Busuttil, ulied Paul Busuttil.

Xehed illi huwa kien jinkoraggixxi lil Suzanne Busuttil fl-istudji taghha u kien hemm zmien meta dahlet tahdem mal-audit firm PricewaterhouseCoopers (PwC).

Wara xi zmien telqet minn dak l-impieg.

Stqarr illi fl-2006 qamet dikussjoni sabiex is-socjeta` B & S Contractors Limited ("**BSC**") tinbiegh lill-FBS ghaliex ma kienx ghad hemm bzonn ta` zewg entitajiet separati fin-negozju, partikolarment wara l-akkwist ta` l-ishma ta` Unilever.

Spjega li FBS u BSC kellhom azzjonisti differenti, u ghalhekk kien hemm ir-riskju ta` konflitt ta` interessi. Spjega li jkun hemm konflitti ta` interessi peress li ikun hemm min fi grupp wiehed ikollu uzufrutt, waqt li fl-iehor ma jkunx hemm ; ghalhekk jista` jkun illi decizjonijiet igibu konflitt.

Xehed li llum il-gurnata ma ghadx hemm bzonn li *secondary brand* tinsab fi gruppi separati ta` kumpanija.

Spjega li s-*secondary brand* fin-negozju de quo kienet il-*brand* Tiara.

Fisser illi Foster Clark Products Limited ("**FSC**") kellha prodotti li kienu ta` certa prezz ; ghalhekk ma kinux jilhqu s-suq kollu. Ghalhekk inholoq prodott kwazi identiku biex jilhaq settur iehor tas-suq minghajr ma ssir hsara lil Foster Clarks.

Qal illi t-trasferiment tal-propjeta` mmobbli ta` BSC favur FBS kien stmat mill-Periti Edwin Mintoff u Paul Camilleri.

Huwa ha hsieb il-valutazzjoni tan-negozju ta` BSC.

Kompla jghid li meta huwa ghamel l-evalwazzjoni, adotta l-linja li l-kumpannija bhala *going concern.* Ghamel stima li kienet tirrispetta x-xewqat u d-disinji originali tal-mod kif sar in-negozju. Ma kienx prezz li ser jithallas minn terza persuna izda prezz biex wiehed jaghmel ftehim bejn l-ahwa fejn kien hemm ishma differenti.

Inghad li kien ser ikun hemm *special dividend* ta` madwar €13-il miljun bhala metodu ta` kif jigu distribwiti l-assi.

Huwa sostna li Suzanne Busuttil tikkontendi li l-istima ghandha tkun jkun ferma aktar gholi. Ma jafx kif Suzanne u Brian Busuttil setghu b`xi mod ikunu jigu zvantaggati. Dawn ghandhom ishma ugwali fiz-zewg kumpanniji izda ma ghandhomx l-uzufrutt fir-rigward ta` FBS. Bit-trasferiment kienu ser jimxu flus minn but u jmorru go iehor. Suzanne Busuttil dejjem kienet kontra t-trasferiment.

Stqarr illi fi zmien ricenti l-Kummissarju tat-Taxxi ghamel spezzjoni u talab spjegazzjoni dwar allegazzjoni li sar bejgh li ma kienx dikjarat u dwar flus mhux dikjarati. Kien jaf li kienu jsiru cheques lill-azzjonisti. Din l-informazzjoni twasslet lil din il-Qorti u anke lil Kummissarju tat-Taxxi minn Suzanne Busuttil. Spjega li huwa kien dizappuntat meta sar jaf b` dawn il-flejjes. Kienu saru ghalhekk tahdidiet mal-klijenti tieghu, u Joseph Busuttil kien spjega li dik kienet uzanza tal-hamest ahwa subien. L-uzanza kienet twaqqfet. Kien hemm *commissions* li nghataw direttament mill-kumpannijili kienu jaghmlu *sourcing* ta` affarijiet li kienu jaghtu *commission* lill-familja. Kien hemm ukoll kaz ta` *volume discounts* u *marketing costs* li kienu jithallsu lill-kumpanniji u lill-klijenti awtorizzati. Ma kinux isiru affarijiet li kienu jikkompromettu *the day to day transactions* tal-kumpannija. Dawn il-*commissions* u *marketing transactions* ma ghandhomx implikazzjonijiet ta` VAT.

Kompla jixhed illi wara laqghat mal-Kummissarju tat-Taxxi jew rappresentanti tieghu, kien deciz li l-vertenza titqies bhala li l-azzjonisiti ma ddikjarawx dan id-dhul. Mal-bidla fil-Gvern, kienet harget amnestija ; ghalhekk kien ta l-parir lill-klijent biex ihallas dak dovut u b`hekk jaghlaq il-vertenza.

Dwar il-valutazzjoni tal-assi ta` B&S, spjega li l-valutazzjoni tieghu kienet ibbazata fuq flejjes li kien hemm fil-banek, *bonds* tal-Gvern, u stimi ta` immobbli. In-negozju ta` B&S kien jiddependi minn Foster Clark peress li Foster Clark kienet tiddeciedi bhala *manufacturing* l-*brand* x`taghmel u ma taghmilx.

Qal li kien hemm terza persuna li kienet mistiedna taghti valur biex takkwista l-kumpannija, izda ma setghetx tasal ghall-valur ghax il-kumpannija kienet ghadha kemm ghamlet investiment qawwi fuq fabbrika gdida li l-potenzjal taghha ma kienx ghadu jirrifletti ruhu fil-kontijiet. Huwa utilizza *projections* li saru mill-*management* li kienu dettaljati hafna dwar *sales* ta` kull prodott, ta` *projections* dwar tkabbir fin-negozju, u l-*production efficiencies* li jaghtu magni godda.

Stqarr illi s-*sales* ta` Tiara jigu registrati fil-kumpannija li tkun qed tbiegh l-oggetti. Spjega li xi klijenti jakkwistaw il-prodotti Tiara minghand B & S u ohrajn jixtru l-prodotti direttament minghand Foster Clark. Id-dhul jehodhom min huwa l-proprjetarju ta` l-affarijiet. Skont Suzanne Busuttil, il-*brand* Tiara hija ta` B & S u ghalhekk dak il-bejgh kellu jghaddi kollu minghand B & S. Dan izda ma kienx minnu peress li l-*brand* Tiana hija *secondary brand* ikkontrollata minn Foster Clark.

Dwar l-ilment li jirrigwarda l-ikla ta` l-ewwel sena, huwa xehed illi din saret minn dejjem u kienet tradizzjoni.

**Av. Dr. Neville Gatt** xehed illi huwa socju fid-ditta PwC u jmexxi d-dipartiment tat-taxxi.

Stqarr illi kien mitlub minn FBS sabiex jghin fl-istrutturar tal-grupp.

Kien avvicinat peress li l-kumpannija Foster Clark kellha incentiva li kienet ser tiskadi u li kienet tirrigwarda li r-rata ta` taxxa tinzel minn 35% ghal 10%.

Spjega li l-kumpannija kellha wkoll *investment tax credits* li kienu qed jonqsu b`mod drastiku. Dan kien qed johloq thassib illi l-kumpannija ma kenitx ser tibqa` kompettitiva fis-swieq barranin.

Kien hemm ukoll il-kwistjoni illi peress li kien hemm l-idea li iktar mal-kumpannija tikber barra minn Malta, kellu jkun hemm holding company go gurisdizzjoni estera li jkollha kundizzjonijiet favorevoli, u li permezz taghha seta` jkun hemm aktar flessibilita`.

Kompla jghid illi mill-istudju li ghamel, ikkonkluda li kien jaghmel sens illi ssir kumpannija barra minn Malta.

Qal illi bhala pajjizi, issemmew diversi ; izda fl-ahhar l-ghazla waqghet fuq l-Olanda.

Is-suggeriment kien li jkun hemm FBS ; imbaghad jkun hemm kumpannija l-Olanda li tahtha taqa` l-Foster Clark.

Qal illi fl-Olanda hemm tradizzjoni twila ta` *holding companies* u hemm legislazzjoni dettaljata u sofistikata.

Apparti konsiderazzjonijiet ta` natura teknika, b`sede fl-Olanda, ir-rata ta` taxxa kienet ser tinzel minn 35% ghal 15% bl-effett tad-*double taxation treaty* ta` bejn l-Olanda u Malta.

Kompla jghid li huwa ried Ili jkun kontattati l-Ministeru tal-Finanzi, Malta Enterprise u l-Kummissarju tat-Taxxi. Ghar-rigward tal-Ministeru tal-Finanzi, ma kienx hemm oggezzjoni. Fil-kaz ta` Malta Enterprise u l-Kummissarju tat-Taxxi, dawn taw l-approvazzjoni taghhom.

In segwitu ghamel varji presentazzjonijiet lill-bord tad-diretturi. Suzanne Busuttil kienet ghamlet ghadd ta` mistoqsijiet ; uhud minnhom kienu legittimi, ohrajn kienu generici wisq - bhal per ezempju d-differenzi bejn il-ligi maltija u dik olandiza. Kien dibattut hafna kemm kellu jkun hemm diretturi fuq il-bord tal-kumpannija Olandiza. Il-parir taghhom kien li l-parti l-kbira tad-diretturi kellhom ikunu mill-Olanda u li l-bord kellu jiltaqa` fl-Olanda. Ghal kull direttur Malti kellu jkun hemm tnejn barranin. Il-proposta kienet li l-bord jinzamm zghir ghaliex inkella ma joperax tajjeb.

Kompla jghid li kien propostt li jkun hemm bord ta` hames Maltin u sitta barranin. Spjega li kien hemm certa xetticizmu dwar id-diretturi barranin, bhal per ezempju jekk dawn setghux ibieghu l-kumpannija minghajr il-permess taghhom. Suzanne Busuttil kienet talbet li jsiru *conference calls* mal-advisors Olandizi ; dawn saru izda ghal dawn il-*calls* Suzanne Busuttil ma attendietx. Minkejja li kienu qed jinghataw ir-risposti, certa xetticizmu baqa`. Kien hemm persuni bhal Franco Busuttil u l-familja tieghu li staqsew dwar ir-rapprezentanza fuq il-bord ; izda hadd ma staqsa daqs Suzanne Busuttil.

Huwa nsista li kemm minn perspettiva fiskali kif ukoll minn perspettiva ta` *company law*, il-pass `il quddiem ghall-kumpannija kienet il-proposta tieghu. Ghalkemm ix-xetticizmu kien gej minn azzjonist partikolari, huwa ta parir

verbali li billi dak pass serju u importanti, minghajr qbil unanimu, kien ikun ahjar jekk ma jsir xejn.

Fil-**kontroezami** xehed fil-laqghat li saru dwar il-formazzjoni ta` l-kumpannija Olandiza, Suzanne Busuttil kienet tattendi perparata u kienet tistaqsi hafna. Dwar l-ittra tad-Dipartiment tat-Taxxi tat-30 ta` Lulju 2010, huwa sostna li l-kontenut ma kienx *legally binding* izda kien hemm l-aspettativa li dak ir-*ruling* ikun rispettat mid-Dipartiment. Ikkonferma li kien hemm familja li kienet qed titlob li jkun hemm rapprezentant ta` kull familja fil-bord tad-diretturi tal-kumpannija Olandiza ; Suzanne Busuttil hadet l-istess posizzjoni.

**Av. Dr. Luca Vella** xehed illi huwa specjalizzat fil-kamp tar-ristrutturar ta` kumpanniji. Fl-2009 kien intalab biex jahdem fuq ir-ristrutturar tal-grupp ta` kumpanniji ta` FBS. Huwa hadem fuq l-aspett tal-*memorandum* u tal-*articles of association* filwaqt li Dr Neville Gatt ha hsieb l-aspett ta` t-taxxa u l-implikazzjonijiet li jista` jkollha l-kumpannija Olandiza fuq il-bqija tal-grupp. Dr Gattt ghamel kuntatt ma` PwC fl-Olanda u dawn kienu rrakkomandaw li tkun inkarikata Evershares, ditta ta` avukati ta` kalibru internazzjonali, sabiex jaraw l-aspetti legali kollha tal-kwistjoni.

Ighid illi huwa kien prezenti ghal xi tnejn jew tlett laqghat tal-bord fejn gie diskuss l-istatut. Spjega li kien hemm element ta` xetticizmu da parti ta` Suzanne Busuttil. Kien hemm diversi mistoqsijiet u kien hemm certa insistenza fil-mistoqsijiet fil-konfront tal-konsulenti Maltin u barranin. Huwa kkonferma li kien hemm domandi legittimi ; ohrajn kienu biss qed ifittxu x-xaghrha fl-ghagina. Jaf illi Suzanne Busuttil kienet talbet li jsiru *conference calls* li fil-fatt saru fl-2010. Suzanne Busuttil ma marritx ghal *conference call* li saret u ggustifikat l-assenza taghha ghaliex qalet illi ma kienx hemm bizzejjed pre-avviz u ghalhekk ma setghetx tattendi. Id-domandi li kellha Suzanne Busuttil kollha kienu mwiegbu, izda ma kinitx sodisfatta. Suzanne Busuttil qatt ma gabet xi konsulent biex jassistiha. Billi baqa` ma kienx hem mil-kunsens tal-azzjonisti kollha ghall-progett, hu u l-konsulenti l-ohra kienu tal-fehma illi ma kienx ghaqli li jitkompla.

**Christopher Degiorgio** xehed li huwa jattendi ghal-laqghat tal-bord tad-diretturi ta` FBS bhala osservatur. Fl-2010 kienu qed isiru diskussjonijiet sabiex tigi ssira holding company barra minn Malta. Huwa kien involut fl-aspett ta` ristrutturar. Bhala konsulenti legali kienu nkarikati GVTH waqt illi bhala konsulenti finanzjarji kienu nkarikati l-awdituri PwC. Barra minn Malta, kienu kontattati PwC Netherlands u d-ditta ta` avukati bl-isem ta` Evershed. Saru kuntatti wkoll mal-Ministeru tal-Finanzi, Malta Enterprise u l-Kummissarju tat-Taxxi. Kollha kienu tal-fehma li l-progett kien fattibbli.

Qal illi Suzanne Busuttil ghamlet hafna domandi li uhud minnhom kienu legittimi. Wara certa zmien, harget bl-allegazzoni illi kollox kien qed isir sabiex certa diretturi jew azzjonisti jkollhom aktar kontroll.

Stqarr illi r-ristrutturar baqa` ma sarx ghaliex Suzanne Busuttil harget b`atteggjament li jgeghlek thossok skomdu peress li kienet qed tiddubita minn kulhadd. Li kieku r-ristrutturar sehh, il-kumpannija kienet ser thallas rata ta` taxxa inqas. Wara dak iz-zmien thallsu €16–il miljun taxxa izjed.

Huwa pprepara dokument dwar kemm thallset taxxa zejda, liema dokument gie kkonfermat ukoll mill-awdituri.

Kompla jixhed illi fl-2005 u l-2006, saru diskussjonijiet sabiex B&S Contractors Limited issir sussidjarja ta` FBS u jkun hemm *preference shares*. Kienu saru laqghat go diversi postijiet fejn kienu ltaqghu l-azzjonisti kollha, segwiti minn diskussjonijiet fil-livell tal-bord. Suzanne Busuttil ma kenitx involuta fid-diskussjonijiet.

Qal illi fiz-zmien tal-progett tal-holqien tal-kumpannija fl-Olanda, Suzanne Busuttil kienet direttur.

Ipprezenta sett ta` dokumenti fosthom *emails* b`diversi domandi li ghamlet Suzanne Busuttil, kif ukoll ir-risposti tal-avukati barranin.

Ikkonferma li huwa kien prezenti ghaz-zewg laqghat ta` FBS li saru fis-26 ta` Awissu 2010 u l-1 ta` Settembru 2010. Fil-laqgha tas-26 ta` Awissu 2010, kien hemm qbil li jinhatru hames diretturi Maltin minn kull familja ta` azzjonisti, sabiex dawn ikunu fuq il-bord tal-kumpanija Olandiza.

Huwa sostna li l-kumpannija Olandiza qatt ma giet iffurmata ghaliex Suzanne Busuttil kienet qed isostni li din kienet ser issir biex uhud mill-azzjonisti jiehdu vantagg. Minhabba dan il-konflitt li nholoq minn Suzanne Busuttil, waqaf ir-ristrutturar u l-investiment fl-Olanda. Ghalkemm il-maggoranza tal-azzjonisti kienu favur ir-ristrutturar il-progett qat ma tressaq ghall-vot.

Fil-**kontroezami**, xehed illi ghalkemm kien hemm maggoranza favur il-progett, bl-assenza ta` unanimita`, kien hemm biza` li l-problemi li kien hemm

lokalment kienu se jigu trasferiti barra mill-pajjiz fejn kienu se jkunu nvoluti terzi. Wahda mir-ragunijiet wara r-ristrutturar kienet it-taxxa.

Stqarr illi l-effett negattiv li l-progett ma mexiex `il quddiem kien illi minhabba li Malta baqghet tithallas taxxa aktar gholja milli kieku kienet sejra tithallas fl-Olanda, naqsu d-dividends favuir l-azzjonisti.

**John Bonello** xehed dwar kien awditur. Meta kien jahdem fid-ditta PwC, huwa qatt ma ha hsieb direttament xoghol ta` FBS.

Qal illi fl-2011, Charles Busuttil baghat ghalih u ddiskutew il-kwistjoni tal-governanza ta` FBS. Huwa ghamel proposti ta` kif il-qaghda setghet titjieb. Kien anke attenda laqghat tal-bord tad-diretturi. Spjega li Suzanne Busuttil ma kienet qablet mal-hatra tieghu. Huwa ltaqa` ma` l-azzjonisiti kollha. Suzanne Busuttil kienet qaltlu li kien ghaliha kellhom jitnehhew il-persuni kollha li kellhom kariki dak iz-zmien. L-attegjament taghha kien negattiv.

Qal illi safejn jaf hu, Suzanne Busuttil ivvotat kontra kull mozzjoni li tressqet fil-laqgha generali annwali ; sahansitra l-hatra l-awdituri.

Stqarr illi huwa jattendi l-laqghat tal-bord tad-diretturi ta` FBS bhala *advisor.* Il--bord ihoss l-effett ta` l-proceduri legali. Meta jkun hemm diskussjonijiet dwar tkabbir tal-grupp, isem Suzanne Busuttil jissemma biex jindika li ser ikun hemm impediment fil-pjanijiet. Bl-ostakoli li holqot Suzanne Busuttil sabiex ma jkunx hemm ristrutturar, il-kumpannija kellha thallas miljuni ta` ewro f`taxxa zejda.

**Av. Dr. Claudette Fenech** rapprezentant tar-Registratur tal-Kumpanniji pprezentat l-annual return datata 29 ta` Gunju 2015 li turi min kienu l-azzjonisti fil-15 ta` Settembru 2014. Ir-Registratur kien ircieva t-*transition causa mortis* minn fuq il-mejjet Charles Busuttil ghal fuq Rebecca Darmanin Kissaun u Natasah Busuttil fl-14 ta` Novembru 2014, izda l-*effective date* kienet 30 ta` Ottubru 2011.

Ipprezentat ukoll *annual returns* fejn Charles Busuttil kien jidher fuqhom u ohrajn fejn ma kienx jidher. Sabiex ikun hemm trasferiment ta` ishma wara mewt irid ikun hemm prova dokumentarja billi timtela l-Form T u r-responsabbilita` dwar il-kontenut taghha tkun fuq min iffirmaha.

Qalet illi certu Brian Busuttil kien allega li kien hemm affarijiet li ma kinux saru sew izda r-Registratur ma dahalx fil-kwistjoni ghaliex dawn kienu jirrigwardaw xi haga interna tal-kumpannija.

Spjegat li r-Registratur kien mitlub jinvestiga. Ir-risposta tar-Registratur kienet illi jinvestiga meta jkun involut l-interess pubbliku ; li ma kienx il-kaz. Ghalhekk ma nvestigax.

**Joseph Busuttil** xehed li huwa direttur ta` FBS. Kien ilu direttur minn Mejju 2008. Kien responsabbli minn Foster Clark Products Limited.

Qal illi l-group jimpjega aktar minn 550 persuna. Fl-2015 kellu *turnover* ta` EUR 111,000,000. Il-profitt qabel it-taxxa kien ta` EUR 28,334,000.

Fl-2011, miet iz-ziju tieghu Charles Busuttil.

Charles Busuttil kien beda jaghti attenzjoni ghal materji ta` *corporate governance.* Kien involva lil John Bonello biex jaghti l-parir tieghu.

Ittiehdu diversi passi biex in-negozju jmur `il quddiem bl-impieg ta` persuni ta` talent. Zewg persuni li mhux mill-familja kienu appuntati bhala diretturi. Regolarment isiru laqghat tal-bordijiet ta` diretturi u tal-azzjonisti. Kien kostitwit *remuneration committee* u *internal audit committee.*

Qal illi l-konflitt intern u s-successjoni huma z-zewg ghedewwa tan-negozju tal-familja.

Huwa sostna li l-ilmenti kontinwi ta` Suzanne u Brian Busuttil mhumiex genwini.

Insista li qatt ma ttiehdu passi biex dawn b`xi mod jigu eskluzi min-negozju.

Spjega li Suzanne Busuttil tnehhiet minn direttur wara li holqot ostakoli u pprezentat kawzi.

Qal illi hi u huha Brian qed jikkagunaw danni lill-grupp.

Stqarr illi huwa ferm difficli li jittiehdu decizjonijiet meta ma hemmx fiducja u kull ma jsir jigi attakkat.

Qal illi bl-agir taghhom Suzanne u Brian Busuttil waqqfu ristrutturar importanti fil-grupp, fosthom dik li tigi ffurmata kumpanija Olandiza biex b`hekk jigu ffrankati taxxi. L-istess ippruvaw jaghmlu fil-kaz tat-trasferiment ta` B & S Contractors Limited.

Ighid illi Suzanne u Brian jinsistu li jridu jkunu parti mill-*management* ghaliex huma tal-familja. Fil-fatt huma l-akbar periklu ghall-grupp tal-kumpaniji.

Fil-**<u>kontroezami</u>** kkonferma li huwa ghamel din il-kawza bhala azzjonista ta` FBS. Sostna li FBS ma ghamlet xejn hazin fil-konfront tieghu. L-ilment tieghu huwa dirett kontra Suzanne u Brian Busuttil.

Apparti l-kwistjoni ta` l-kumpannija ta` l-Olanda, qatt ma kien hemm rizoluzzjoni tal-bord tad-diretturi meta Suzanne Busuttil kienet ghadha direttrici li m`ghaddietx sempliciment ghaliex hi vvutat kontra.

Stqarr illi anke bhala azzjonisti, ma kienx hemm xi rizoluzzjonijiet li ma ghaddewx jew gew irtirati minhabba r-reazzjoni negattiva ta` Suzanne Busuttil u huha. Kie biss fil-kaz tal-kumpannija Olandiza li waqaf kollox minhabba l-opposizzjoni ta` Suzanne u Brian.

**<u>Brian Busuttil</u>** xehed illi hu u ohtu Suzanne pprezentaw protest gudizzjarju kontra Wendy Busuttil, peress li it-trasferiment ta` l-ishma ta` r-ragel taghha Charles Busuttil taghha ma setax isir bil-mod kif sar, bil-konsegwenza illi ttiehed vot favur it-trasferiment tal-assi ta` B & S Contractors Limited lejn FBS meta ma kienx hemm bizzejjed maggoranza biex il-vot ighaddi.

Qal illi hu u ohtu talbu laqgha generali straordinarja ta` FBS u ta` B & S Contractors Limited sabiex jitnehhew l-awdituri, avukati, company secretary u diretturi kollha u sabiex jinhatar *crisis management team*. Huwa ma kellux hsieb ta` persuni partikolari biex ikunu fuq dan il-*crisis management team*. Sostna li huwa ma kellux fiducja fil-persuni li semma u ghalhekk talab li jitnehhew kollha.

Qal li huwa kiteb kemm-il darba lill-Kummissarju tat-Taxxi fejn ghamel rapporti dwar li kien qed jigri u talab kjarifiki anke dwar il-progett tal-kumpannija Olandiza.

Sahaq illi huwa qatt ma ghamel xejn ghad-detriment tal-kumpannija u mhux ser jistrieh qabel ma certa ufficjali tal-kumpannija jigu nvestigati.

Stqarr illi l-Av. J J Vella gideb u dahaq bl-azzjonisti meta sostna li l-kwistjoni dwar spejjez personali li ghaddew mill-kumpanniji minghajr l-ebda rimborz kienet giet kkunsidrata mill-awdituri, meta fil-verita` skont l-awditur Simon Flynn ta` PwC dik il-kwistjoni qatt ma kienet tifforma parti mill-inkarigu taghhom ; ghalhekk qatt ma giet ikkunsidrata. Dr J J Vella baqa` qatt ma tah risposta dwar kif Charles Busuttil thalla jibqa` direttur meta kien ittrasferixxa l-ishma tieghu, kuntrarjament ghal missieru li ma thalliex jokkupa l-posizzjoni mat-trasferiment ta` l-ishma tieghu.

Fisser illi nofs l-ishma ta` Charles Busuttil kienu proprjeta` tal-mara tieghu Wendy u dawk kellhom jigu trasferiti ghal isimha. Ghalhekk isostni li l-vot li ttiehed fil-laqgha straordinarja ta` B & S fit-30 ta`Lulju 2014 kien null.

Ghamel referenza wkoll ghal laqgha tat-30 ta`Lulju 2014 ta` B & S fejn l-awdituri pprezentaw *clean audit report.* Sostna li John Zarb kien infurmah li huwa ma kienx jaf b`fondi li kienu qed jitnehhew minn B & S Group. Il-valur li wasal ghalih Zarb ma kienx wiehed reali u korrett.

Ipprezenta korrispondenza skambjata ma` Dr Manfred Galdes, direttur tal-FIAU, li minnha jirrizulta li informazzjoni moghtija mill-awdituri David Gafa u Simon Flynn kienet skorretta.

Semma wkoll il-fatt li hu u ohtu ma kinux infurmati b` dak li kien ghaddej dwar it-*tenders* tal-Manoel Island Yacht Yard u Malta Super Yachts. Spjega li kien hemm varji diskrepanzi fir-rigward ta` dan kollu fosthom li l-*objects clause* tal-kumpannija ma kienx jawtorizza dik l-attivita`. Qal li ohtu kienet baghtet ittra lill-azzjonisti fis-26 ta` Gunju 2013 fejn kien uriet b` diversi dokumenti li id-diretturi ta` FBS u B & S ma kinux qed imexxu fl-ahjar interessi taghhom. Huwa rega` ghamel referenza ukoll ghal flejjes li nghataw lilu u lill-azzjonisti ohra minn Credit Suisse, li lkoll kienu flejjes li ma kinux dikjarati.

Qal illi l-problemi ta` diskriminazzjoni kienu ilhom ghaddejjin. Qal li ma kienx minnu li huwa ma kienx interessat ahdem fin-negozju tal-familja. Sostna

illi l-familja tieghu biss giet eskluza mill-bordijiet ta` FBS Trading u FCP. Qatt ma kien appuntat fuq xi bord tan-negozju tal-familja Busuttil. It-trasferiment ta` l-assi u negozju ta` B & S ghal FBS kienet mizura ohra diskriminatorja u ta` pregudizzju ghall-ahjar interessi ta` l-azzjonisti. L-ostilita` lejh u lejn ohtu baqghet tizdied maz-zmien. Kompla jghid li l-kappella fic-Cimiterju ta` l-Addolorata hija prova ta` kif spejjez personali ghaddew mill-kontijiet tal-kumpannija. La hu u lanqas ohtu qatt ghamlu xejn bl-intiza jaghmlu hsara lill-kumpannija. Huma lanqas qatt talbu biex ibieghu l-ishma. Li riedu kienet trasparenza, kontabilita` u *good governance.*

**<u>Suzanne Busuttil</u>** xehdet illi hi u huha Brian ghandhom 20% tal-ishma ta` FBS u ta` B & S Contractors Limited. Dan is-sehem wahdu ma jistax jikkmanda u jiggverna dak li jigri fiz-zewg socjetajiet. Ghalhekk mhumiex responsabbli ghal dak li jigri fihom.

Tghid illi huma ghandhom jedd ghandhom jedd jappuntaw direttur fuq il-bord ta` B & S.

Qalet illi hemm ftehim bejn l-azzjonisti li kull *legacy family* tappunta direttur fuq il-bord. Huma dejjem kellhom rapprezentant taghhom fuq il-bord sakemm hija tnehhiet minn direttur fi Frar 2013. Anke fil-kumpanniji sussidjarji, hija jew huha ma jistghux jiggvernaw jew jikkontrollaw ; ghalhekk ma jistghux ikunu responsabbli ghal dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti.

Xehdet illi hi u huha qatt ma gew impjegati mill-kumpanniji ; addirittura twarrbu. Kull meta huma vvotaw kontra xi mozzjoni, dik il-mozzjoni xorta wahda kienet tibqa` ghaddejja peress li kien jingieb il-maggoranza tal-voti. Hija u huha qatt ma talbu biex ibieghu l-ishma taghhom u lanqas ma jridu li dawn l-ishma jigu mnehhija mill-pussess taghhom. Ir-rikorrenti qed jittentaw iwahhlu fiha u huha meta huma stess ghandhom il-kontroll tal-kumpannija. Bil-kawza tal-lum, ir-rikorrenti qed jittentaw jaghmlu pressjoni ndebita fuqhom biex iwaqqfu l-ilmenti gusti li qed jitqajjmu. Il-familja taghha kienu ilhom jippruvaw jsolvu l-problemi b`mod amikevoli izda peress li kollox falla, huma ma kellhomx jimxu bil-qorti.

Tixhed illi tixtieq tippartecipa fl-immaniggjar, monitoragg u kontroll tal-kumpanniji kollha li jiffurmaw parti min-negozju tal-familja Busuttil. Hija tixtieq illi tezercita d-drittijiet hekk moghtija lilha ai termini tal-*memorandum* u *articles of association* tal-kumpanniji fis-sens li wiehed mill-familja taghhom jigi impjegat fil-grupp ta` kumpanniji. Trid lit kun trattata daqs haddiehor u mhux tkun diskriminata. Tixtieq li l-kumpanniji jitmexxew fuq principji ta` *good governance*, trasparenza u kontabbilita`. Tixtieq li l-kumpanniji jitmexxew b`mod

efficjenti u effettiv b`kontrolli interni u strutturi appoziti . Insistiet li kull kumpannija operattiva ghandha jkollha *chief executive officer* li jkun kwalifikat u professjonali.

Kompliet tinsisti li ghandha ssir investigazzjoni dwar l-abbuz u tnmexxija hazina perpetrata minn diversi ufficjali li ghandhom jinzammu responsabbli ghall-abbuz u jikkumpensaw id-danni sofferti.

Spjegat li l-*audited financial statements* u l-*accounts* tal-kumpannija ghandhom jigu emendati biex jirriflettu s-sitwazzjoni reali u attwali. It-trasferiment ta` l-assi ta` B & S ghal FBS ghandu jigi dikjarat null u kollox ghandu jerga` jmur lura ghal li kien.

Spjegat li l-ilmenti taghha dwar l-professjonisti inkarigati mill-kumpannija kif ukoll dwar diversi ufficjali ohra ma sarux b`kapricc izda biex jigu indirizzati l-kwistjonijiet ta` frodi u irregolaritajiet ohra ezistenti.

Iggustifikat ukoll il-fatt li ghamlet diversi rapporti mal-pulizija fir-rigward tal-allegata evazjoni ta' taxxa.

Tghid illi favur *good corporate governance.*

Tikkontesta li minhabba l-atteggjament taghhom, qed ikun hemm riperkussjonijiet hziena.

Tghid illi huma talbu li jinghataw l-informazzjoni kollha sabiex ikunu jistghu jiehdu decizjoni infurmata.

## III. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-intimati</u>

Kif diga` kellha okkazjoni tghid qabel illum kemm din il-Qorti kif ukoll il-Qorti tal-Appell, *second tier shareholders* mhux maghrufa mil-ligi taghna certament fil-kuntest ta` l-azzjoni skont l-Art 402 tal-Kap 386.

Dan premess, jigi rilevat illi fl-udjenza ta` l-10 ta` Novembru 2014 kien hemm kjarifika fis-sens illi l-azzjoni odjerna tirrigwarda biss zewg kumpanniji :

u cioe` Francis Busuttil & Sons Limited ; u B & S Contractors Limited. L-intimati huma azzjonisti ta` dawn iz-zewg kumpanniji.

Tajjeb jinghad ukoll illi minkejja din id-dikjarazzjoni, l-intimati baqghu ma rtirawx din l-eccezzjoni.

Il-Qorti qieset illi l-ilmenti tar-rikorrenti huma dedotti kontra l-intimati kemm fir-rigward ta` Francis Busuttil & Sons Limited u kif ukoll fil-konfront ta` B & S Contractors Limited.

**Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimati qeghda tkun michuda.**

## IV. <u>It-tieni eccezzjoni tal-intimati</u>

Fil-ktieb "**<u>Principles of Maltese Company Law</u>**" (OUP – 2007) **<u>Andrew Muscat</u>** ittratta l-materja dwar kontra min tista` tigi istitwita azzjoni ta` din ix-xorta.

Fil-pag 995 tal-ktieb ighid hekk :-

*The Companies Act does not specify the person or persons against whom an action under article 402 is to be brought. It does well not to do so. The reason is that the choice of the defendant or defendants depends on the facts of the case and on the type of relief sought.*

*… the persons responsible for the conduct complained of would typically vary from the current or past majority shareholder to the managing director or the controlling directors acting on behalf of company. Control may also be vested in a shadow director, a provisional administrator, a liquidator, an official receiver and even the pledgee of shares in the company, who, in terms of the pledge agreement, may exercise the shareholder`s voting rights or appoints directors on the board.*

*Moreover, as will be noted in the following pages, the forms of relief that may be granted by the court are considerably wide-ranging; a court order could be issued against a number of persons, typically the company itself and one or more shareholders. In Joseph Calleja vs Vincent Calleja, an article 402 was filed only against one of the shareholders. The company itself was not a party. The defendant pleaded that the company itself were wrongly instituted, as the action had to be filed against the company and not against himself as a member. The Court, in a judgement in parte, considered article 402 to provide a flexible and*

*equitable remedy and agreed with the applicant`s submissions that an article 402 action had to be instituted against the person or persons who were allegedly responsible for the wrongdoing and that the court`s order need not in all cases be issued against the company itself. The Court remarked that as the applicant`s allegations of wrongdoing were directed towards the defendant, it was clear that the defendant was a proper party to the proceedings. It also stated that the fact that the action was not also filed against the company did not nullify the proceedings.*

*… Given the fundamental principle of Maltese procedural law that no person can be bound by a court`s decision or judgement unless he is a party to the relative proceedings, it is important for the complainant to carefully identify the person or persons against whom the action is to be filed.*

**Kif impostata, it-talba tar-rikorrenti titlaq mill-premessa illi l-intimati agixxew fil-konfront taghhom bi ksur ta` l-Art 402(1).**

**Ghalhekk talbu rimedju skont il-paragrafi (d) u (f) tal-Art 402(3).**

**Tenut kont ta` din l-impostazzjoni, il-Qorti ma tarax il-htiega li l-kumpanniji in kwistjoni u d-diretturi taghhom jkunu parti, ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju.**

**Ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-intimati qeghda tkun respinta.**

## V. It-tielet u r-raba` eccezzjonijiet tal-intimati

Il-Qorti tqis illi fil-mori tal-kawza T & L Holdings Limited giet kjamata fil-kawza.

Ghalhekk in kwantu l-eccezzjoni tolqot lil T & L Holdings Limited din giet superata.

Fir-rigward tal-*holding companies* fejn Jean Paul Busuttil u Louiana Busuttil huma s-sidien, huwa minnu li dawn jista` jkollhom interess li jkunu prezenti minhabba *pre-emption rights.*

Madanakollu dan mhux bilfors ighodd ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju.

Ghall-impostazzjoni tal-azzjoni, il-parametri kif saru mir-rikorrenti jregu anke minghajr dawk il-*holding companies.*

Li kieku dawn dehrilhom li kellhom interess, kienu jitolbu li jintervjenu fil-kawza – fatt dan li ma avverax ruhu.

**It-tielet u r-raba` eccezzjonijiet tal-intimati qeghdin ikunu rigettati.**

**VI. <u>Il-hames eccezzjoni tal-intimati</u>**

Din l-eccezzjoni kienet superata bid-digriet ta` din il-Qorti tat-22 ta` Dicembru 2014.

**Ghalhekk il-Qorti qeghda <u>tastjeni</u> milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni.**

**VII. <u>L-Art 402 tal-Kap 386</u>**

**L-Art 402 tal-Kap 386 hija d-disposizzjoni li fuqha r-rikorrenti ghazlu li jmexxu bl-azzjoni taghhom.**

**Iz-zewg sub-artikoli <u>rilevanti</u> ghall-istanza tal-lum huma dawk bin-nru (1) u bin-nru (3).**

**<u>Is-subartikolu (1) jaqra</u> :-**

*Kull membru ta` kumpannija li jilmenta li l-affarijiet tal-kumpannija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li, jew li xi att jew ommissjoni tal-kumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali, jista` jaghmel rikors lill-qorti ghal ordni taht dan l-artikolu.*

**<u>Il-partijiet tas-subartikolu (3) li huma relatati mal-istanza tar-rikorrenti huma</u> :-**

*Jekk dwar rikors maghmul skond is-subartikolu (1) il-qorti tkun tal-fehma li l-ilment ikun bazat sewwa u li jkun gust u ekwu li hekk taghmel, il-qorti tista` taghmel ordni taht dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa …*

*(d) jipprovdi ghax-xiri ta` l-azzjonijiet ta` xi membri tal-kumpannija minn membri ohra tal-kumpannija jew mill-kumpannija nnifisha u, f`kaz ta` xiri mill-kumpannija, ghattnaqqis li jkun mehtieg fil-kapital azzjonarju mahrug tal-kumpannija ;*

*jew …*

*(f) jipprovdi ghall-hlas ta` kumpens minn dik il-persuna li tista` tkun instabet responsabbli mill-qorti ghal telf jew danni li jkunu ggarrbu minhabba att jew nuqqas li dwaru jkun sar ilment lill-persuna li tkun garrbet dak it-telf jew danni.*

Fil-Pag 970 ta` **Principles of Maltese Company Law** (op. cit.) jinghad minn **Andrew Muscat** illi fuq ir-rikorrenti huwa mghobbi l-piz tal-prova li l-att jew omissjoni skont is-subartikolu 1 tal-Art 402.

Ighid :-

*"This wording (tal-subartikolu 1) clearly suggests that the member need only prove one effect of the conduct, act or omission, that is, that such conduct, act or omission, has been, is or is likely to be "oppressive" or "unfairly discriminatory" or "unfairly prejudicial" (to a member or members) or contrary to interests (of the members as a whole).*

**Din il-Qorti mhux biss tikkondividi din id-dottrina izda tghid illi l-prova skont is-subartikolu (1) hija pregudizzjali sabiex tasal biex taghti ordni skont is-subartikoli l-ohra tal-Art 402.**

Fis-sentenza ta` din il-Qorti (**PA/GV**) tat-30 ta` Jannar 2008 fil-kawza "**Cutajar pro et noe et vs S.C. & Company Limited et**" inghad hekk –

*"Illi l-prova biex tirnexxi dina l-azzjoni tispetta lir-rikorrenti li ressqu dina l-azzjoni. Huma jridu jippruvaw li (a) l-affarijiet tal-kumpanija jkunu tmexxew jew qed jitmexxew jew aktarx jitmexxew b`mod li …. (b) jew li xi att jew ommissjoni talkumpannija kienu jew huma jew x`aktarx se jkunu, oppressivi b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust*

*ta` pregudizzju, ghal membru jew membri jew b`mod li jkunu kontra l-interessi tal-membri in generali.*

*Il-ligi taghna ma taghtix spjegazzjoni ta` x`inhu oppressiv b`mod mhux gust diskriminatorji kontra, jew b`mod mhux gust ta` pregudizzju. Kull kaz ghalhekk irid jigi trattat u deciz fuq il-mertu tieghu proprju, u dana kaz b`kaz. L-iskop tal-ligi hu biex il-Qorti tkun tista` tintervjeni f`dawk il-kazijiet fejn hemm bzonn li jinghata rimedju minhabba unfair dealing fejn jigi pruvat li kien hemm azzjonijiet jew ommissjonijiet li ma kienux gusti u li kienu ta` pregudizzju jew li l-affarijiet tal-kumpanija mhux qed jitmexxew sew."*

**Jekk abbazi tal-provi akkwiziti l-qorti tkun sodisfatta li jirrizulta dak previst fis-subartikolu (1), allura tghaddi biex taghti l-ordni skont is-subartikoli l-ohra.**

**Jekk il-prova tkun insodisfacjenti, allura l-qorti ma ghandhiex tapplika dak previst mis-subartikoli l-ohra.**

**VIII. Is-sitt eccezzjoni**

**Permezz ta` din l-eccezzjoni, tqajjmet il-kwistjoni ta` jekk l-Art 402 jistax jigi applikat ghal sitwazzjoni bhal din tal-lum fejn il-persuni li dwarhom isir l-ilment ma jkunux involuti fit-tmexxija tal-kumpannija peress li fid-data tal-presentata tar-rikors promotur, hadd minnhom ma kien direttur.**

Fil-Pag 681 et seq ta` **Principles of Modern Company Law** (Eighth Edition - Sweet & Maxwell) **Gower and Davies** ighidu hekk b`referenza ghall-*unfair prejudice action* kif inhi llum fid-dritt Ingliz :-

*It is clear that the section, by referring to the conduct of the company`s affairs, is wide enough to catch the activities of controllers of companies, whether they conduct the business of the company through the exercise of their powers as directors or as shareholders or both. Controlling shareholders are not in terms excluded from using the section but normally any prejudice they are subject to will be remediable through the use of the ordinary powers they possess by virtue of their controlling position, and so the conduct of the minority cannot be said to be in such a case unfairly prejudicial to the controllers.*

*The section thus operates as a mechanism for minority protection – or at least for the protection of the non-controlling shareholders … the conduct of a*

*shareholder, even a majority shareholder, of its own affairs is excluded from the section …*

Fil-Pag 487 et seq ta` **Company Law** (Fourth Edition – OUP) **Brenda Hannigan** tghid hekk :-

*There are two distinct limbs to s 994(1), (a) that the company`s affairs are being or have been conducted in a manner that is unfairly prejudicial to the interests of the members generally etc, and (b) that an actual or proposed act or omission of the company is or yould be so prejudicial. Arden L J noted in Graham v Every (2015 – 1BCLC 41) that (b) means that the petitioner must identify something which the company does or fails to do whereas (a) does not contain the same stipulatiobnand the petitioner can rely on the actions of some other persons, including his fellow shareholders, as long as those actions amount to the conduct of the company`s affairs.*

*Shareholders` disputes between themselves in their private capacities are not part of the conduct of the company`s affairs and are not within the section …*

*As David Richards J explained in Re Coroin Ltd (No 2) 2013 2 BCLC C 583) section 994 "is not directed to the activities of shareholders amongst themselves, unless those activities translate into acts or omissions of the company or the conduct of its affairs" of the shareholders amongst themselves …*

*While the act of individual shareholders exercising their rights to vote are not acts of the company or part of the conduct of the company`s affaiors, the resolution consequent on the exercise of their voting rights is act acting of the company and part of the conduct of the company`s affairs. Likewise the behaviour of shareholders in another capaxcity does not amount to conduct of the company`s affairs …*

*Leaving aside these private disputes which fall outside the scope of CA 2006, s 994, the courts do not adopt a technical or legalistic approach to what constitutes the affairs of the company but will look to the business realties. It is frequently stressed that the requirement for the conduct to tbe of "the affairs of the company" should be liverally consrured for the purpioses if the section ,…*

Fil-Pag 711 ta` **Boyle & Birds` Company Law** (Eighth Edition – Jordans) inghad hekk :-

*The term unfair prejudice whether analysed as a standard or a concept is a relatively more objective one which is concerned with running the company in a way that is clearly unfair in its consequences to the complaining shareholder, even if the respondents can claims to have acted in the best of good faith.*

Premessa din id-dottrina, il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti jilmentaw illi l-imgieba ta` Suzanne u Brian Busuttil qed taghmel hsara lis-socjetajiet li taghhom ir-rikorrenti huma azzjonisti, u li l-imgieba taghhom qed ikollha impatt negattiv fuq it-tmexxija tal-istess.

Dan l-ilment jissarraf fil-pretensjoni tar-rikorrenti illi ghaliex l-intimati huma difficli, esigenti u jfittxu sahansitra l-irqaqat b`mod kwazi kwazi intransigenti, il-kumpanniji qeghdin jitmexxew hazin, u frott tal-imgieba tal-intimati qed jittiehdu decizjonijiet li huma kontra l-interessi tal-kumpannija u ta` l-azzjonisti taghha ghaliex mhux qed isehhu progetti li tassew huma fl-interess tal-kumpannija u tal-azzjonisti ghax essenzjalment ihallu aktar flus fil-kumpannija li mbaghad tkun tista` tghaddihom lill-azzjonisti nkluzi r-rikorrenti nnfushom.

L-ilmenti tar-rikorrenti huma ben delineati fix-xiehda ta` Av. Luca Vella, Av. Neville Gatt u Christopher Degiorgio. A skans ta` repetizzjoni, il-Qorti tirreferi ghad-deposizzjonijiet taghhom. Da parti ta` Christopher Degiorgio jaghti dettalji tat-telf finanzjarju li skont hu gabet maghha l-imgieba tal-intimati.

**Il-Qorti gharblet fuq li gharblet id-deposizzjonijiet li abbazi taghhom r-rikorrenti qeghdin isostnu l-pretensjoni taghhom, u wara li qieset x`ighid l-Art 402(1), fl-isfond tad-dottrina citata, issib illi, anke ghar-ragunijiet li johorgu mid-dottrina, illi l-imgieba tal-intimati ma tistax tkun sanzjonata skont l-Art 402(1) fil-kuntest tas-sitt eccezzjoni taghhom.**

Apparti dan, il-Qorti m`ghandhiex prova li ttiehed vot formali dwar il-formazzjoni ta` l-kumpannija fl-Olanda mil-laqgha generali tal-azzjonisti skont il-memorandum u l-articles of association ta` FBS fejn l-intimati vvotaw kontra l-progett.

Il-prova li ngabet kienet illi l-intimati bdew jaghmlu sensiela ta` domandi li l-konsulenti fehmu li bihom l-intimati kienu qeghdin ifettqu u meta l-azzjonisti l-ohra raw hekk, u cioe` hassew illi ma kienx ser ikun hemm unanimita`, abbandunaw il-progett. Dan kollu sar b`mod informali man mano li bdew jizvolgu l-grajjiet u minghajr ma ttiehed vot kif previst mill-istatut socjetarju.

Bl-ebda mod ma jista` jinghad illi l-imgieba tal-intimati - li qatt ma kellhom il-kontroll tat-tmexxija tal-kumpannija – holoq il-pregudizzju lamentat mir-rikorrenti fil-kuntest tal-Art 402(1).

Tajjeb jinghad ukoll illi anke jekk fiz-zmien meta l-progett tal-kumpannija fl-Olanda kien qed jinhema u jigi dibattut, Suzanne Busuttil kienet direttur ta` FBS, lanqas fil-bord tad-diretturi ma jidher li ttiehed vot – naha jew ohra.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tipprovdi billi :-**

**Tichad l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet tal-intimati.**

**Tilqa` s-sitt eccezzjoni tal-intimati.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-intimati.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-kjamata fil-kawza.**

**Tichad it-talba tar-rikorrenti.**

**Tordna illi kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**